

AVVIŻ TA' REKLUTAĠĠ PE/217/S

DIRETTUR (Grupp ta' funzjonijiet AD, grad 14)

DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-KOMUNIKAZZJONI — DIRETTORAT GĦALL-KAMPANJI

(2018/C 132 A/02)

1. Pożizzjoni battala

Il-President tal-Parlament Ewropew iddeċieda li jniedi l-proċedura biex timtela din il-pożizzjoni battala ta' **direttur** ⁽¹⁾ (AD, grad 14) fid-Direttorat Ġenerali għall-Infrastruttura u l-Loġistika — id-Direttorat għall-Loġistika, skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejħa "r-Regolamenti tal-Persunal").

Din il-proċedura ta' selezzjoni, li għandha l-iskop li tagħti lill-Awtorità tal-Ħatra għażla akbar ta' kandidati, se tiżvolġi b'mod parallel mal-proċedura interna u interistituzzjonali ta' reklutaġġ.

Ir-reklutaġġ qed isir għall-grad AD14 ⁽³⁾. Is-salarju bażiku huwa ta' EUR 14 303,51 fix-xahar. Ma' dan is-salarju bażiku, li huwa soġġett għat-taxxa Komunitarja u eżenti mit-taxxa nazzjonali, jistgħu jiżdiedu ċerti allowances skont il-kundizzjonijiet previsti mir-Regolamenti tal-Persunal.

Il-kandidati għandhom jieħdu nota li dan l-impjieg huwa soġġett għar-regolamenti dwar il-politika tal-mobilità, li ġie adottat mill-Bureau tal-Parlament Ewropew fil-15 ta' Jannar 2018.

Dan l-impjieg jitlob disponibilità kif ukoll kuntatt frekwenti ma' nies fil-Parlament u barra minnu, b'mod partikolari mal-Membri tal-Parlament Ewropew. Id-direttur se jkun mitlub iwettaq missjonijiet frekwenti fil-postijiet tax-xogħol differenti tal-Parlament Ewropew u barra minnhom.

2. Post tax-xogħol

Brussell. Dan l-impjieg huwa soġġett għal trasferiment fxi wieħed mill-postijiet tax-xogħol l-oħra tal-Parlament Ewropew.

3. Opportunitajiet indaqs

Il-Parlament Ewropew japplika politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċetta l-applikazzjonijiet mingħajr ebda diskriminazzjoni, bħal pereżempju diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-opinjoni politiki jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età, l-orjentament sesswali, l-istat ċivili jew is-sitwazzjoni tal-familja.

4. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet

Uffiċjal ta' livell għoli, id-direttur, kif imfisser fil-linji gwida u d-deċiżjonijiet stabbiliti mill-awtorità parlamentari u mid-Direttur Ġenerali, għandu dawn il-kompiti ⁽⁴⁾:

- jiżgura l-funzjonament tajjeb ta' dipartiment kbir tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew li jinkludi diversi unitajiet li jkopru l-oqsma ta' kompetenza tad-Direttorat,
- imexxi, jistimula, jimmotiva u jikkoordina timijiet ta' aġenti; jaħdem biex isir l-aħjar użu mir-riżorsi tad-dipartiment filwaqt li jiżgura servizz ta' kwalità għolja (organizzazzjoni, ġestjoni tar-riżorsi umani u baġitarji, innovazzjoni, eċċ) fl-oqsma ta' attività tiegħu,
- jippjana l-attivitajiet tad-Direttorat (definizzjoni tal-oġġettivi u l-istrategġiji); jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex jilħaq l-oġġettivi stabbiliti; jivvaluta s-servizzi pprovduti bl-iskop li jgarantixxi l-kwalità tagħhom,
- jagħti pariri lid-Direttur Ġenerali, lis-Segretarjat Ġenerali u lill-Membri tal-Parlament Ewropew fl-oqsma ta' attività tiegħu,

⁽¹⁾ F'dan l-avviż, kull riferiment għal persuna ta' sess maskil jirreferi wkoll għal persuna ta' sess femminil, u viċeversa.

⁽²⁾ Ara r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tal-Kunsill (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1) emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 723/2004 (ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1) u reċentement mir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 15).

⁽³⁾ Meta jiġi reklutat, l-uffiċjal jingħata grad skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32 tar-Regolamenti tal-Persunal.

⁽⁴⁾ Għall-kompiti ewlenin, ara l-Anness.

- jikkoopera mad-direttorati differenti tas-Segretarjat Ġenerali, jirrappreżenta lill-istituzzjoni u jinnegozja kuntratti jew ftehimiet fl-oqsma ta' attività tiegħu,
- jiġġestixxi u jwassal fi tmiemhom il-proġetti speċifiċi li jistgħu jinvolvu responsabilitajiet finanzjarji,
- iwettaq il-funzjoni ta' uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega.

5. Rekwiżiti ta' eliġibilità

Din il-proċedura ta' selezzjoni hija miftuħa għall-kandidati kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin sad-data meta jagħlqu l-applikazzjonijiet:

(a) Rekwiżiti ġenerali

Skont l-Artikolu 28 tar-Regolamenti tal-Persunal, b'mod partikolari jeħtieġ li l-kandidati:

- ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea,
- igawdu mid-drittijiet ċivili tagħhom,
- ikunu ssodisfaw kull obbligu impost mil-liġijiet ta' reklutaġġ applikabbli fil-qasam militari,
- joffru l-garanziji ta' moralità mitluba għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet previsti.

(b) Rekwiżiti speċifiċi

(i) Kwalifiki, diplomi u esperjenza professjonali meħtieġa

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu sħiħ ta' studji universitarji ċertifikati b'diploma, meta l-perjodu normali ta' dawn l-istudji universitarji jkun ta' erba' snin jew aktar,

jew

livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal ċiklu sħiħ ta' studji universitarji ċertifikati b'diploma flimkien ma' esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena ⁽¹⁾ meta l-perjodu normali tal-istudji universitarji jkun għall-inqas ta' tliet snin.
- Esperjenza professjonali, ta' mill-anqas **tnax-il sena**, miksuba wara li jkun nkisbu l-kwalifiki msemija hawn fuq, fosthom mill-anqas **sitt snin** ta' esperjenza manijerjali.

(ii) Għarfien meħtieġ

- Għarfien kulturali ġenerali eċċellenti tal-affarijiet Ewropej,
- fehim eċċellenti ta' kwistjonijiet politiċi interni, nazzjonali u internazzjonali,
- għarfien eċċellenti tat-Trattati,
- fehim tajjeb ħafna tal-kulturi differenti rappreżentati fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej,
- għarfien eċċellenti tal-istruttura tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew, kif ukoll tal-organizzazzjoni, l-ambjent u l-parteċipanti differenti tiegħu,
- għarfien eċċellenti tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, tal-proċeduri leġiżlattivi u tar-regoli u l-prattiki interni,
- għarfien eċċellenti tal-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll tal-interpretazzjoni tagħhom u tar-regoli derivati minnhom,
- għarfien eċċellenti tar-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u r-regoli ta' applikazzjoni tagħhom u tar-regoli interni u testi oħra subordinati tal-Parlament Ewropew,
- għarfien amministrattiv tajjeb ħafna (aspetti b'rabta mar-riżorsi umani, il-ġestjoni, il-baġit, il-finanzi, l-informatika, l-aspetti ġuridiċi, eċċ.),

⁽¹⁾ Din is-sena ta' esperjenza professjonali mhux se titqies għall-valutazzjoni tal-esperjenza professjonali li jirreferi għaliha l-punt li jmiss.

— għarfien eċċellenti tat-tekniki maniġerjali.

(iii) **Għarfien lingwistiku**

Il-pożizzjoni tesiġi għarfien fil-fond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, kif ukoll għarfien tajjeb ħafna ta' mill-inqas waħda minn dawn il-lingwi.

Il-Kumitat Konsultattiv iqis ukoll l-għarfien ta' lingwi uffiċjali oħrajn tal-Unjoni Ewropea.

(iv) **Kapaċitajiet meħtieġa**

- Sens ta' strateġija,
- kapaċità maniġerjali,
- kapaċità ta' ppjanar bil-quddiem,
- kapaċità ta' reazzjoni għall-avvenimenti,
- approċċ metikoluż,
- kapaċità ta' komunikazzjoni.

6. Proċedura ta' selezzjoni

Sabiex jgħin lill-Awtorità tal-Ħatra fl-għażla tagħha, il-Kumitat Konsultattiv għall-ħatra ta' uffiċjali għolja se jistabbilixxi l-lista ta' kandidati u jirrakkomanda lill-Bureau tal-Parlament Ewropew il-persuni li għandhom jiġu mistiedna għal intervista. Il-Bureau jiffinalizza l-lista ta' dawn il-persuni, filwaqt li l-Kumitat jagħmel l-intervisti u jissottometti r-rapport finali tiegħu lill-Bureau għad-deċizzjoni. F'dan il-qafas, il-Bureau jkun jista' jipproċedi għas-smiġh tal-kandidati.

7. Tressiq tal-applikazzjonijiet

Id-data li fiha jagħlqu l-applikazzjonijiet hija

s-27 ta' April 2018, f'12.00 (nofsinhar), ħin ta' Brussell.

Il-kandidati huma mitluba jibagħtu, permezz ta' email biss, f'format pdf, ittra ta' motivazzjoni (*à l'attention de Monsieur le Secrétaire général du Parlement européen, avis de recrutement numéro PE/217/S*) u curriculum vitae fil-format tal-Europass ⁽²⁾, b'indikazzjoni tar-referenza tal-avviż (PE/217/S) fis-suġġett tal-messaġġ, fl-indirizz li ġej:

EP-SENIOR-MANAGEMENT@ep.europa.eu

u jitqiesu bħala prova d-data u l-ħin tat-trażmissjoni tal-email.

Il-kandidati għandhom jiżguraw li d-dokumenti skennjati jkunu jistgħu jinqraw.

Il-kandidati li jissejħu għal intervista għandhom jieħdu nota li jridu jipprovdu, sad-data tal-intervista, kopji jew fotokopji tad-dokumenti li jikkonfermaw l-istudji tagħhom, kif ukoll l-esperjenza professjonali tagħhom u l-attività li jeżerċitaw attwalment ⁽³⁾. L-ebda wieħed minn dawn id-dokumenti ma jingħata lura lill-kandidati.

Id-data ta' natura personali li jibagħtu l-kandidati, fil-qafas ta' din il-proċedura ta' selezzjoni, se tkun ipproċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma dawn li ġejjin: il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Ġrieg, il-Kroat, l-Ingliż, l-Irlandiż, l-Ispanjol, l-Isvediż, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, it-Taljan u l-Ungeriż.

⁽²⁾ <http://europass.cedefop.europa.eu/>

⁽³⁾ Dan ma japplikax għall-kandidati li jkunu fis-servizz tal-Parlament Ewropew sad-data li fiha jagħlqu l-applikazzjonijiet.

⁽⁴⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

ANNESS

DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-KOMUNIKAZZJONI — DIRETTORAT GĦALL-KAMPANJI

DMIRIJET PRINĊIPALI

(Dipartiment magħmul minn 88 aġent, 64 uffiċjal, 5 aġenti temporanji u 19-il aġent kuntrattwali)

- Jiżgura d-direzzjoni, il-koordinament u t-tmexxija tal-unitajiet tad-Direttorat, ir-relazzjonijiet mad-Direttorati l-oħra ta'd-DG COMM u mad-Direttorati Ġenerali l-oħra;
- Jiżvilupp strateġija ta' "Kampanji" għall-istituzzjoni;
- Jiżviluppa kunċetti kreattivi ta' komunikazzjoni;
- Jiżgura li l-attivitajiet kollha tal-kampanji ta' komunikazzjoni jkunu koerenti;
- Jeżerċita l-funzjonijiet ta' uffiċjal awtorizzanti delegat prinċipali.

UNITÀ TAL-KOMUNIKAZZJONI BL-INTERNET

li tħaddan is-servizzi Politiki ekonomiċi u xjentifiċi, Politiki strutturali u ta' koeżjoni, Affarijiet kostituzzjonali u drittijiet taċ-ċittadini, Affarijiet baġitarji u Politiki Esterni

- Tipprogramma, tikkoordina u tipproduċi l-kopertura editorjali (testi, materjal viżiv u multimedjali) tal-aħbarijiet tal-Parlament Ewropew indirizzati lill-pubbliku ġenerali b'24 lingwa permezz tas-sit web tal-PE, kif ukoll permezz ta' siti speċjali marbuta ma' avvenimenti speċifiċi; tikkonċepixxi u tipproduċi infografiċi b'24 lingwa dwar suġġetti ta' interess kurrenti li jirrigwardaw il-Parlament Ewropew;
- Tiżgura l-istrateġija, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tat-12-il pjattaforma differenti ta' komunikazzjoni online "barra mis-sit" (Facebook, Twitter, LinkedIn, Instagram, Snapchat, YouTube, Flickr, Pinterest, Reddit, Google Plus, Spotify, Tumblr), kif ukoll il-pubblikazzjoni kuljum tal-kontenuti;
- Tikkonċepixxi u tiddekrivi l-iżviluppi kunċettwali u editorjali tas-sit Europarl u tal-preżenza globali online tal-Parlament. Tieħu sehem fil-gruppi tal-proġetti relatati (siti ġodda, applikazzjonijiet multimedjali, eċċ.). Tikkonċepixxi u tmexxi l-fażijiet pilota ta' ġabra ta' proġetti editorjali maħsuba biex iwessgħu l-kopertura medjatika u jtejb u l-kwalità kunċettwali u ergonomika, id-diversità u l-kwalità tal-prodotti editorjali u l-politika ta' komunikazzjoni online tal-Parlament Ewropew;
- Tiżgura t-taħriġ strateġiku u prattiku dwar il-komunikazzjoni online (siti tal-Internet, networks soċjali, eċċ.) għall-kollegi tad-DG COMM, iżda wkoll għall-Membri tal-Parlament Ewropew.

UNITÀ TAL-KONĠEZZJONI U D-DISINN

- Telabora u timplimenta kampanji ta' informazzjoni għall-pubbliku dwar il-valuri li l-Parlament Ewropew jiddefendi, kif definiti fl-istrateġija ta' komunikazzjoni tal-istituzzjoni (l-ugwaljanza bejn is-sessi, is-sena Ewropea tal-iżvilupp, id-diversità kulturali, id-drittijiet tal-bniedem, eċċ.);
- Tiżviluppa strateġija ta' "Consistent Communication" għall-istituzzjoni;
- Tiżviluppa prodotti kreattivi ta' komunikazzjoni għall-kampanji mmexxija mill-unità jew mitluba minn servizzi oħra tad-DG COMM;
- Tkun inkarigata mill-identità viżiva, il-karta grafika, l-utilizzazzjoni tal-logo u l-pubblikazzjonijiet tal-istituzzjoni, u tiżgura r-rispett ta' dawn kollha;
- Tfassal, tipproduċi u tidistribwixxi l-pubblikazzjonijiet ta' informazzjoni tal-istituzzjoni (fuljetti, skedi);
- Telabora firxa wiesgħa ta' għodod ta' komunikazzjoni biex jirfdu l-kampanji differenti tad-dipartimenti differenti tal-istituzzjoni;
- Tiżgura l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni li jirriżultaw mill-prijoritajiet ta' komunikazzjoni insteristituzzjonali;
- Tiżgura li l-attivitajiet tal-kampanji ta' komunikazzjoni mmexxija mis-servizzi differenti tad-Direttorat Ġenerali jkunu koerenti.

UNITÀ TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

- Tiżviluppa djalogu bejn il-Parlament u ż-żgħażaġh, issaħħaħ iċ-ċittadinanza attiva u tinkoraġġixxi l-parteeċipazzjoni attiva taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika u fl-elezzjonijiet;
- Tieħu ħsieb li l-attivitajiet kollha tad-DĠ COMM fil-qasam taż-żgħażaġh ikunu koerenti u konformi mal-missjoni globali u mal-prijoritajiet strateġiċi tad-DĠ;
- Tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-“Istrateġija taż-Żgħażaġħ” li għadha kemm ġiet adottata;
- Tiżgura l-ġestjoni tal-avveniment Ewropew biennali għaż-żgħażaġh (“European Youth Event” — EYE) u tal-attivitajiet kollha relatati ta’ thejġija, evalwazzjoni u segwitu;
- Taqdi funzjoni trażversali fil-qasam ta’ kompetenza tagħha f’koordinament ma’ Direttorati u ma’ unitajiet oħra tad-DĠ, iżda wkoll ma’ DĠ oħra (eż. mad-DĠ EPRS).

UNITÀ TAL-ĠESTJONI TAS-SIT WEB

- Tiżgura l-manutenzjoni evoluttiva, adattiva u korrettiva, il-migrazzjonijiet tekniċi u l-introduzzjoni ta’ għodod, l-amministrazzjoni u l-użu tas-sistemi għall-produzzjoni u għall-pubblikazzjoni ta’ kontenuti fis-siti web tal-Parlament; timmaniġġja l-proġetti ta’ żvilupp u telabora studji fil-qasam tal-Internet;
- Tiżgura l-produzzjoni grafika ta’ kuljum fis-sit tal-Internet; tikkonċepixxi siti jew paġni tal-Internet ġodda mil-lat viżiv; tassisti lill-unitajiet u lid-Direttorati l-oħra f’dak li jirrigwarda l-ħtiġijiet grafiċi tagħhom u taġġorna l-karta grafika;
- Tiżgura l-ġestjoni amministrattiva, finanzjarja u baġitarja tal-unità, kif ukoll il-kooordinament tal-attivitajiet tal-Internet fil-livell insterstituzzjonali (CEiii);
- Tiżgura l-aġġornament tar-rubriki skont l-iżviluppi fil-Parlament u l-iżvilupp editorjali ta’ rubriki ġodda; twieġeb għall-mistoqsijiet magħmula lill-webmaster mill-utenti tal-Internet rigward is-siti web tal-Parlament Ewropew;
- Tagħti taħriġ lill-utenti interni tal-Parlament rigward is-sistemi ta’ kontribuzzjoni ta’ kontenuti għas-sit Europarl (Scribo u SmartCMS), tiżgura l-amministrazzjoni ta’ dawn is-sistemi u tagħti assistenza u sostenn tal-ewwel livell lill-utenti.

UNITÀ TAL-AVVENIMENTI U L-WIRJIET

- Toħloq u/jew torganizza avvenimenti u wirjiet maħsuba biex ikattru l-kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali jew kategorija partikolari tal-opinjoni pubblika dwar l-ażżjoni tal-Parlament fl-oqsma li jikkonċernawh: Il-Premju Karlu Manju għaż-Żgħażaġħ Ewropej, il-Premju taċ-Ċittadin Ewropew, il-Jiem tal-Pubbliku u kwalunkwe avveniment ieħor li jaqdi l-prijoritajiet ta’ komunikazzjoni tal-istituzzjoni; tabbozza noti biex jitressqu quddiem il-Bureau;
- Tiżgura l-kollegament mal-Kwestur responsabbli għall-avvenimenti kulturali u għall-wirjiet fil-binjiet tal-Parlament, il-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għal wirjiet imressqa mill-Membri permezz tas-sistema ta’ prenotazzjoni online MEP-Exhibitions;
- Tiżgura, f’kollegament mal-Kwestur responsabbli għall-opri artistiki, il-ġestjoni tal-kollezzjoni tal-arti tal-Parlament: akkwisti, donazzjonijiet, ħżin, assigurarazzjoni, drittijiet tal-awtur, restawr, valorizzazzjoni;
- Tippreżenta lill-kulleġġ tal-Kwesturi, lill-Kumitat għall-arti u lill-Bureau, meta jkun meħtieġ, l-abbozzi ta’ deċiżjoni u ta’ avviżi dwar il-wirjiet u l-opri artistiki;
- Timmaniġġja l-proċeduri amministrattivi f’dak li jirrigwarda n-nomina u l-approvazzjoni (mill-Kwesturi) ta’ organizzazzjonijiet karitattivi li jieħdu sehem fil-bejgħ għall-karità li sjir fi tmiem is-sena fi Brussell, Strasburg u l-Lussemburgu.